

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli
- 2) Steinbach International GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 490, 6.12.2021.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Diċembru 2022 – AL vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-692/21) (¹)

(“Servizz pubbliku – Investigazzjoni tal-OLAF – Atti tal-OLAF – Identifikazzjoni tal-konvenut – Assenza ta’ att li jikkawża preġudizzju – Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura – Inammissibilità”)

(2023/C 71/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: AL (rappreżentant: R. Rata, avukata)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr, J. Baquero Cruz u A.-C. Simon, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent jitlob, minn naħa, l-annullament, l-ewwel, ta' diversi atti tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) adottati fil-kuntest ta' investigazzjoni fil-konfront tiegħu u li permezz tagħhom dan tal-aħħar b'mod partikolari ċaħad żewġ ilmenti li kien għamel kontra r-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet magħmula fl-imsemmija investigazzjoni, it-tieni, tan-nota tal-Kummissjoni Ewropea tat-3 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha din informatu bl-intenzjoni tagħha li tirkupra ċerti allowances li kienu ngħatawlu, it-tielet, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha din iddeċidiet li tirkupra l-imsemmija allowances, ir-raba', tan-nota interna tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Jannar 2021 li tirrakkomanda l-ftuħ ta' proċedura dixxiplinari fil-konfronti tiegħu u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-dannu materjali u morali li ġarrab minħabba l-irkupru ta' diversi somom mis-salarju tiegħu matul is-sena 2021 u minħabba t-twettiq allegatament illegali tal-investigazzjoni tal-OLAF kontrib u konsegwenzi li ħolqot.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent magħmula mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) AL huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk tal-Kummissjoni Ewropea.
- 4) Il-Kunsill għandu jbati l-ispejjeż tiegħu relatati mat-talba għal intervent.

(¹) ĠU C 37, 24.1.2022.